**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Maħluf Nru: 422/2006**

**WENDELA LOUISE ALBERTINE RINGELING**

**VS.**

**RAYMOND AQUILINA GĦAN-NOM U IN RAPPRESENTANZA TAS-SOĊJETÀ CHAMPS MEDITERRAIN LIMITED**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors maħluf imressaq fil-11 ta' Mejju, 2006 u l-ordni tal-Prim Imħallef tas-7 ta' Lulju, 2021, li permezz tiegħu din il-kawża ġiet trasferita lill-Imħallef hawn taħt iffirmat;

2. Rat id-digriet tat-12 ta' Awwissu, 2011, f'paġni 406 u 407 tal-atti, li permezz tiegħu din il-qorti kif diversament preseduta, ordnat li din il-kawża qabel tissokta għandha tistenna l-eżitu finali tas-sentenza ***Champs Mediterrain Limited et v. Id-Direttur tal-Artijiet (Ċit. 489/2004)***;

3. Tqis, li meta l-Imħallef Christian Falzon Scerri, li qed ipoġġi f'din il-qorti, kien għadu jaħdem bħala avukat fl-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u tal-Avukat tal-Istat, huwa kien deher bħala avukat lill-uħud mill-konvenuti fil-kawża ***Champs Mediterrain Limited et v. Id-Direttur tal-Artijiet***, fuq imsemmija;

4. Issa skont l-**artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**, Imħallef għandu jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża jekk huwa jkun ittratta quddiem il-qorti dwar kull ħaġa li għandha x’taqsam mal-kawża jew illi tiddependi minnha. Fil-każ tagħna, ladarba din il-kawża tiddependi fuq dak li jrid jiġi deċiż fil-kawża ***Champs Mediterrain Limited et v. Id-Direttur tal-Artijiet,***, allura dan jeskludi lill-Imħallef Christian Falzon Scerri milli joqgħod f’din il-kawża;

5. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fid-deċiżjoni, ***Agnes u Carmel k/a Charles Mattocks v. K.N.K.**,* mogħtija fit-23 ta’ Ottubru, 2009, *«l-obbligu tal-astensjoni minn ġudikant għandu jkollu rabta mal-ipotesijiet varji prevvisti mill-* ***artikolu 734 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili****. Kollettivament, dawn l-ipotesijiet għandhom bħala fattur komuni dak ta’ l-interess proprju u dirett fil-kawża mill-ġudikant, b’mod tali li hu jitqiegħed fil-veste ta’ parti fil-proċess.* ***<u>Jikkonsegwi illi jekk ġudikant ma josservax il-preċett tal-imsemmi artikolu dan iġib vjolazzjoni tal-prinċipju nemo judex in causa sua</u>****»;*

Għaldaqstant għal din ir-raġuni, l-Imħallef Christian Falzon Scerri qiegħed jastjeni milli joqgħod f’din il-kawża u għall-għanijiet tal-**artikolu 738(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** qiegħed jiddigrieta li hemm lok għas-surroga ta’ imħallef ieħor;

L-atti ta’ din il-kawża għandhom jiġu mgħoddija lura lir-reġistratur tal-qorti biex b’hekk tkun tista’ tissokta din is-surroga;

**Digriet mogħti llum, nhar l-Erbgħa, 6 ta’ Ottubru, 2021.**

________________________

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**